MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 1431/2010

**Melita plc (C-12715)**

**Vs**

**Rita Sant (ID 22863M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ erba’ mija, tmienja u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€438.71) minghand il-konvenuta in konnessjoni ma’ servizz ta’ “internet, telefonija, fissa u televizjoni” fil-fond 95, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieha u dan skond statement 191340 liema dokument qed jigi mmarkat Dok B u li jammonta ghal mitejn disgha u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmi (€229.84); kif ukoll somma ta’ mitejn u tmien Ewro u sebgha u tmenin centezmi (€208.87) rapprezentanti apparat propjeta tas-socjeta attrici li gie nstallat fil-fond fuq

imsemmi flimkien mas-servizz moghti liema apparat ma giex ritornat.

Illi minkejja li l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas u tirritorna l-apparat hija baqghet inadempjenti. Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjes kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet illi t-talba tas-socjeta attrici qed tigi kkontestata fl-intier taghha a bazi ta' affidavit tal-konvenuta attacjat ma' din ir-risposta senjatament immarkat bhala “Dok RS” u li tikkomprendi ukoll ‘Dok A’.

Illi l-konvenuta flimkien mar-risposta pprezentat kontro talba fejn talbet li t-Tribunal jikkundanna lis-socjeta attrici thallas l-ammont ta' mitejn sitta u sittin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€266.72) rapprezentant rifuzjoni ta' depozitu ta' 3 decoders li gew ritornati lis-socjeta attrici.

Ra r-risposta ghall-kontrotalba illi permezz taghha s-socjeta attrici eccepiet illi l-kontrotalba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemm ebda kreditu pendenti a favur l-‘account number’ li jsejjah lill-konvenuta Rita Sant .

Ra l-affidavit ta' Rita Sant.

Sema' ix-xhieda ta' Leanne Buhagiar.

Ra  d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar it-28 ta' Gunju, 2011 li bih il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidera

Illi t-talba attrici hija maqsuma f'zewg ammonti u cioe:

i) l-ammont ta' €229.84 (mitejn disgha u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmi) li kien ghall-uzu tal-internet li

nfetah fis-sena 2005 u li 2006 kien zdied it-telefonija fissa li tnehha fit-2007 u fit-2008 kien zdied it-televizjoni digitali li nbidel ghal-analogue. (ara dokument immarkat “LB1”u “LB2” u xhieda a fol 2005).
ii) Filwaqt li l-ammont ta’ €208.87 (mitejn u tmien Ewro u sebgha u tmenin centezmi) huwa ghal *decoder* wiehed li mill-informazzjoni tax-xhud Leanne Buhagiar (a fol 30 tal-process u dokument immarkat “LB1”) tiddikjara illi gie ritornat.

It-Tribunal ra illi permezz ta’ nota tas-socjeta attrici pprezentata fit-8 ta’ Frar 2011 l-ammont pretiz gie ridott ghal €283.11 (mitejn u tlieta u tmenin ewro u hdax il-centezmu). (Ara dokument “LB1” li juri dan l-ammont).

Il-konvenuta minn naha taghha ddikjarat illi hi qatt ma nghatat d-depozitu li kienet hallset ghat-tlett decoders li kienet irritornat wara s-separazzjoni taghha mir-ragel taghha John Sant. Tnejn minn dawn id-decoders kienu fuq isimha ghaliex kienu taghha u tal-ewwel ragel tagha, il-mejjet Anthony Camilleri. Dawn kienet hadithom maghha meta marret tghix il-Mellieha.

Wara s-separazzjoni taghha minn John Sant, fis-sena 2007, hi hadet is-servizz li kien fuq isem John Sant (fil-perjodu tas-sena 2002 sa s-sena 2007) u poggietu f’isimha. Il-konvenuta, fl-affidavit taghha, ddikjarat illi meta dahlet id-*digital tv service* hi kienet ritornat it-tlett decoders li kellha u li l-hlas ta’ dan u cioe l-ammont ta’ €266.72 (mitejn u sitta u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu) kien thallas lir-ragel taghha fi forma ta’ cekk u li gie ghandha ghaliex fuq l-envelope kien hemm isimha u l-indirizz taghha. (ara dok A ipprezentat ma’ l-affidavit a fol 24 tal-process). Dan ic-cekk ntbaghat fi 2009, sentejn wara s-separazzjoni taghha mir-ragel taghha u dan kien ghaliex is-socjeta attrici ma aggornatx r-records taghha.

It-Tribunal jinnota illi hemm konflitt fil-verzjonjiet taz-zewg xhieda. Filwaqt illi x-xhieda ta’ Leanne Buhagiar turi riferenza ghall-rifuzjoni ta’ decoder wiehed (rif nru 003054D067A6 a fol 48) li minhabba fiha s-socjeta attrici ghamlet nota ta’ riduzzjoni, il-konvenuta ssemmi tlett

decoders u tghid illi l-ammont ta' €266.72 (mitejn u sitta u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu) ghad-depozitu ta' dawn t-tlieta gie mhallas lil John Sant. Semmai f'dan il-kaz kellu jkun rifuzjoni ta'zewg decoders u mhux tlieta.

It-Tribunal jinnota ukoll illi d-dokumenti "LB9" u "LB10" datati 2008 u ffirmati mill-konvenuta juru illi hemm *account* iehor ta' John Sant. Jinnota ukoll illi l-konvenuta ma gabet ebda prova ohra li d-*decoders* kienu fuq isimha u mhux fuq ir-ragel u lanqas ma gabet prova illi hi rritornathom lura. Iddikjarat illi l-evidenza kienet fid-dar taghha tal-Mellieha li hi m'ghandhiex access liberu fih u li ma ghandhiex il-kooperazzjoni tar-ragel biex issib ir-ricevuti jew evidenza ohra. Anke jekk dan ma kienx il-kaz id-dar f'Mellieha nharqet pero lanqas ghal dan ma gabet prova jew xhieda.

Fix-xhieda taghha s-socjeta attrici nsistit illi fl-*account* in kwistjoni ma kien hemm ebda depozitu iehor apparti dak ta' decoder wiehed li gie ritornat u li ghalih kienet saret in-nota ta riduzjoni.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jhoss illi fil-kaz tat-talbiet tas-socjeta attrici l-grad probabtorju rikjest mill-ligi gie sodisfatt pero fil-kaz tal-kontro-talba ma thossx illi ghandha bizzejjed evidenza biex tkun tista tilqa' il-kontro talba u tordna li ssir tpaccija. Illi jekk hemm *account* iehor il-konvenuta ghandha tiehu passi fir-rigward ta' dan f'sede iehor u/jew ukoll jekk huwa il-kaz illi johrog mill-kuntratt ta' separazzjoni illi l-hlas tad-depozitu ta' dawn id-*decoders* kienu taghha l-konvenuta ghandha tfittex lir-ragel taghha a bazi tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u l-kontra talba, jilqa' t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet taghha fir-rigward tal-kontro-talba jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin ewro u hdax il-centezmu (€283.11) bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssapportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------